



Brussell, 28 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15950/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0164(COD)**

**TRANS 531
MAR 155
OMI 82
PECHE 539
IA 323
CODEC 2258**

RAPPORT

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Nru. dok. preċ.: 13015/23

Nru dok. Cion: 10115/23

Suġġett: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/18/KE li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu
- Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-1 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna emenda tad-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE u d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

¹ ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114.

3. Id-Direttiva 2009/18/KE tipprevedi sistema ta' investigazzjonijiet tas-sikurezza biex jiġu misluta lezzjonijiet minn aċċidenti marittimi u biex tiġi prevenuta l-okkorrenza mill-ġdid tagħhom. L-aċċidenti marittimi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġu investigati biex tittejjeb is-sikurezza marittima u biex jiġi protett l-ambjent tal-baħar.
4. Ir-reviżjoni tad-Direttiva għandha l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:
- li tittejjeb il-protezzjoni tal-bastimenti tas-sajd, tal-ekwipaġġ tagħhom u tal-ambjent. Bastimenti tas-sajd iżgħar b'tul ta' inqas minn 15-il metru ma humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni attwali tad-Direttiva, jiġifieri l-aċċidenti li jinvolvu mwiet u telf ta' bastimenti ma humiex investigati b'mod sistematiku u armonizzat;
 - li jiġu ċċarati d-definizzjonijiet u t-test legali sabiex il-korpi ta' investigazzjoni tal-aċċidenti tal-Istati Membri jinvestigaw l-aċċidenti kollha li jeħtieġ li jiġu investigati b'mod f'waqt u armonizzat;
 - li tittejjeb il-kapaċità tal-korpi ta' investigazzjoni tal-aċċidenti (AIBs) li jwettqu (u jirrapportaw dwar) investigazzjonijiet ta' aċċidenti b'mod f'waqt, espert u indipendenti – inkluż dwar fjuwils u teknoloġiji rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; u
 - li jiġu aġġornati għadd ta' definizzjonijiet u referenzi għal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u għar-regolamenti tal-OMI sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-konsistenza.
5. Il-Kummissjoni adottat il-proposta fil-kuntest tal-Programm tagħha dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT) u bħala segwitu immedjat għal evalwazzjoni ex post¹ u Kontroll tal-Idoneità tat-Trasport Marittimu², imwettqa fl-2018.
6. Il-proposta hija bbażata fuq ir-risultati ta' valutazzjoni tal-impatt¹ li kienet imnebbħa minn studju ta' appoġġ estern. Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreżentata u eżaminata bir-reqqa f'laqgħa tal-grupp ta' ħidma, u ma qajmitx punti importanti ta' tħassib għad-delegazzjonijiet.

¹ 9131/18 + ADD 1

² 9128/18 + ADD 1

7. Il-proposta kienet akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt². Dik il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreżentata u eżaminata bir-reqqa f'laqgħa tal-grupp ta' ħidma. Il-kummenti li saru kienu relatati l-aktar mal-ispejjeż għaċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità għall-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar u kif dawn l-ispejjeż ġew ikkalkulati.

II. EŻAMI MILL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA

8. Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) tal-Parlament Ewropew ħatar lis-Sa Caroline Nagtegaal (Renew Europe, in-Netherlands) bħala rapporteur. Is-Sa Nagtegaal ressqet l-abbozz ta' rapport tagħha fit-18 ta' Settembru u bħalissa hu ppjanat vot tal-Kumitat TRAN dwar din il-proposta fis-7 ta' Diċembru.
9. Fl-20 ta' Settembru 2023, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta³. Fit-23 ta' Ġunju 2023, il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

III. IS-SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

10. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu ddiskuta l-proposta f'għadd ta' laqgħat, li bdew f'Ġunju 2023. Id-delegazzjonijiet kollha esprimew l-appoġġ ġenerali tagħhom għall-oġettivi tal-proposta tal-Kummissjoni, bil-ħsieb li tittejjeb is-sikurezza marittima u jitħares l-ambjent tal-baħar.
11. Fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Novembru, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-appoġġ tiegħu għall-aktar kompromess reċenti u rrakkomanda li l-Kunsill jilħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill TTE (Trasport) tal-4 ta' Diċembru 2023.

¹ 10115/23 ADD 1 + ADD 2.

² 10115/23 ADD 1 + ADD 2.

³ 13372/23

12. Sabiex il-korpi ta' investigazzjoni tal-aċċidenti (AIBs) ikunu jistgħu jwettqu (u jirrapportaw dwar) investigazzjonijiet tal-aċċidenti b'mod simili fl-Unjoni kollha, il-ħidma ffukat fuq sforz biex ir-regoli eżistenti jsiru aktar ċari u aktar konsistenti mar-regolamenti internazzjonali rilevanti. Ġew introdotti diversi bidliet fil-proposta tal-Kummissjoni, bl-objettiv ewlieni li jissaħħu d-dispożizzjonijiet dwar l-indipendenza tal-korpi ta' investigazzjoni tal-aċċidenti u l-kunfidenzjalità tas-sejbiet tagħhom, kif ukoll li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa. Hemm tliet bidliet ewlenin ta' sustanza li għandha tittieħed nota tagħhom.
13. L-ewwel nett, il-formulazzjoni tal-paragrafu (2) tal-Artikolu 1 ġiet riveduta biex tiċċara li l-għan tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-AIBs mhuwiex li jiddeterminaw ir-responsabbiltà jew li jagħtu l-ħtija. L-Istati Membri kollha diġà għandhom oqfsa legali fis-seħħ għal dan l-għan; minflok, il-ħidma tal-AIBs għandha tiffoka fuq ir-rappurtar sħiħ tal-kawżi ta' diżgrazzja jew inċident tal-baħar, mingħajr ebda pressjoni esterna żejda, sabiex wieħed jitgħallem mill-aċċidenti marittimi u jipprevjeni li jerġgħu jseħħu. Barra minn hekk, issa hew id-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miġbura mill-AIBs matul l-investigazzjonijiet (l-Artikolu 9), anke biex jiġu evitati pressjonijiet esterni u jiġi ffaċilitat l-aċċess għad-data li tista' tkun rilevanti biex jiġu identifikati l-kawżi tal-inċidenti tal-baħar. Fl-istess ħin, l-Artikolu 17a ġie rivedut biex jinkwadra aħjar l-involvement tal-Kummissjoni u tal-EMSA fit-taħriġ u l-appoġġ operazzjonali għall-AIBs fit-twettiq tal-investigazzjonijiet tagħhom; tali appoġġ għandu jingħata biss fuq talba tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni, u fil-każ biss li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess.
14. It-tieni, sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-istrutturi organizzattivi differenti fil-livell nazzjonali, filwaqt li fl-istess ħin jiġu evitati piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa, il-paragrafu (7) tal-Artikolu 8 ġie modifikat biex jippermetti lil kull Stat Membru jiddeċiedi jekk jimplimentax jew le sistema ta' ġestjoni tal-kwalità (QMS) għall-awtorità nazzjonali tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar. Bl-istess objettiv li jitnaqqas il-piż amministrattiv, it-test issa jipprevedi l-possibbiltà li l-AIBs iħejju "rapporti simplifikati", li jnaqqas l-ammont ta' xogħol f'sitwazzjonijiet fejn il-kitba ta' rapport sħiħ ma tagħti ebda valur miżjud.

15. It-tielet, l-Artikolu 20 ġie abbozzat mill-ġdid biex il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex tadatta l-Annessi għall-evoluzzjoni tad-dritt marittimu internazzjonali b'rabta mal-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu, u biex tiffaċilita l-ġbir, il-kondiviżjoni u r-rappurtar tal-għarfien.
16. Fl-aħħar nett, l-iskadenza għat-traspożizzjoni proposta mill-Kummissjoni (sena wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva emendatorja) qed tiġi estiża għal erba' snin.
17. F'dan l-istadju tal-proċedura, il-Kummissjoni żżomm riżerva proċedurali dwar l-emendi kollha għall-proposta tagħha.

IV. KONKLUŻJONIJIET

18. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kunsill huwa mistieden jilħaq *approċċ ġenerali* dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/18/KE li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu, fuq il-bażi tal-kompromess li jinsab fl-Anness għal dan ir-rapport.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva 2009/18/KE li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw
l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li tħassar ir-Regolament
tal-Kummissjoni (UE) Nru 1286/2011**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari
l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁷,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁸,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

⁷ ĠU C , , p. .

⁸ ĠU C , , p. .

- (1) Id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u tipprevedi sistema ta' investigazzjonijiet tas-sikurezza. L-aċċidenti marittimi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva jiġu investigati minn korpi investigattivi indipendenti stabbiliti fl-Istati Membri biex tittejjeb is-sikurezza marittima, kif ukoll biex jiġi protett l-ambjent tal-baħar, kif ukoll biex jipproteġu l-ambjent tal-baħar, sabiex jitgħallmu mill-passat bl-għan li jiġu evitati diżgrazzji u inċidenti futuri.
- (2) Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/18/KE, saru bidliet fl-ambjent regolatorju internazzjonali u kien hemm żviluppi teknoloġiċi. Jenħtiegħ li jitqiesu dawk il-bidliet u l-iżviluppi kif ukoll l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/18/KE.
- (3) Id-Direttiva 2009/18/KE tirreferi għal għadd ta' testi legali adottati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) li ġew abrogati, ġew emendati jew ġew riveduti mid-dħul fis-seħħ tagħha 'l hawn. Pereżempju, dik id-Direttiva tirreferi għall-"Kodiċi tal-IMO għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji u l-Inċidenti Marittimi" (Riżoluzzjoni tal-IMO A.849(20) tas-27 ta' Novembru 1997) li ġie revokat mill-"Kodiċi tal-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati għal Investigazzjoni tas-Sikurezza f'Diżgrazzji jew Inċidenti Marittimi (Kodiċi għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji)" (Riżoluzzjoni MSC. 255(84) tas-16 ta' Mejju 2008) bir-Riżoluzzjoni A.1075(28) Linji Gwida għall-Assistenza tal-Investigaturi fl-Implimentazzjoni tal-Kodiċi għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji MSC.255(84)).
- (4) Il-Kodiċi tal-OMI għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji jintroduċi definizzjonijiet ġodda, bħad-definizzjoni ta' "Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar", filwaqt li jitħassru kunċetti oħra, bħal "diżgrazzja serja". Dawk il-bidliet jenħtiegħ li jiġu inkorporati fid-Direttiva 2009/18/KE.
- (5) Id-Direttiva 2009/18/KE tirreferi wkoll għaċ-Ċirkolari MSC-MEPC.Circ.3 tal-OMI tal-2008 li ġiet sostitwita mir-Rapporti Ċirkolari MSC-MEPC.3/circ.4/rev.1 Proċeduri ta' Rappurtar Armonizzati Riveduti għar-Rapporti dwar Diżgrazzji u Inċidenti tal-Baħar tat-18 ta' Novembru 2014.

⁹ ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114

- (6) Il-Linji Gwida tal-OMI biex jgħinu lill-investigaturi jimplimentaw il-Kodiċi għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji (A.1075(28)) adottati fl-4 ta' Diċembru 2013 jipprovdu pariri prattiċi għall-investigazzjoni sistematika ta' diżgrazzji u inċidenti tal-baħar u jippermettu l-iżvilupp ta' analiżi effettiva u azzjoni preventiva. Dawk il-linji gwida jenħtieġ li jiġu inkorporati fid-Direttiva 2009/18/KE.
- (7) Il-bastimenti tas-sajd b'tul ta' inqas minn 15-il metru bħalissa huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/18/KE, u għalhekk it-twettiq ta' investigazzjonijiet ta' aċċidenti marittimi li jinvolvu tali bastimenti tas-sajd la huwa sistematiku u lanqas armonizzat. Bastimenti bħal dawn huma aktar suxxettibbli li jinqalbu u huwa relattivament komuni għall-membri tal-ekwipaġġ li jaqgħu fil-baħar. Għalhekk, hemm il-ħtieġa li jiġu protetti dawk il-bastimenti tas-sajd, l-ekwipaġġ tagħhom u l-ambjent billi tiġi introdotta valutazzjoni preliminari ta' diżgrazzji marittimi serji ħafna li jinvolvu bastimenti tas-sajd li huma inqas minn 15-il metru biex jiġi ddeterminat jekk jenħtieġx li l-awtoritajiet jifflu investigazzjoni tas-sikurezza li tqis, fost oħrajn, l-evidenza disponibbli kif ukoll il-potenzjal li s-sejbiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza jwasslu għall-prevenzjoni ta' diżgrazzji u inċidenti futuri.
- (7a) Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tipprevjenix lill-Istati Membri milli jistabbilixxu regoli nazzjonali biex jinvestigaw diżgrazzji jew inċidenti marittimi li jinvolvu kwalunkwe tip ta' vapur li jgħorr 12-il passiġġier jew inqas jew li jkun involut f'għanijiet kummerċjali oħra.
- (8) Xi definizzjonijiet mogħtija fid-Direttiva 2009/18/KE ma humiex ċari. Id-definizzjoni tat-tul ta' bastiment tas-sajd jenħtieġ li tiġi speċifikata, b'mod partikolari meta jkun hemm distinzjoni dwar l-approċċ u l-obbligi tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar abbażi tat-tul tal-bastiment tas-sajd.
- (9) Il-Kodiċi tal-OMI għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji jirreferi għal avveniment jew sekwenza ta' avvenimenti li seħħew "direttament b'rabta mal-operazzjonijiet ta' bastiment". Dan il-kunċett huwa s-suġġett ta' diverġenza sinifikanti u jenħtieġ li jiġi ċċarat. Dik id-diverġenza tħalli impatt fuq l-azzjonijiet tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni tal-aċċidenti b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċidenti fil-portijiet, il-possibbiltajiet għal investigazzjonijiet konġunti u l-għbir ta' data dwar l-aċċidenti u l-investigazzjonijiet.

- (10) Il-Kodiċi tal-OMI għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji jiddikjara li meta sseħħ diżgrazzja marittima serja ħafna, jenħtieġ li titwettag investigazzjoni tas-sikurezza marittima. Madankollu, ma hemm l-ebda gwida dwar iż-żmien li fih għandha sseħħ mewta wara l-aċċident biex il-mewt tagħti lok għal diżgrazzja marittima serja ħafna li teħtieġ investigazzjoni. Għalhekk, id-Direttiva 2009/18/KE jenħtieġ li tipprovdi tali gwida.
- (11) Il-persunal disponibbli, kif ukoll ir-riżorsi operazzjonali tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar tal-Istati Membri jvarjaw b'mod distint, u dan jirriżulta frappurtar u f'investigazzjoni ineffettivi u inkonsistenti dwar id-diżgrazzji tal-baħar. Għalhekk, il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), jenħtieġ li tipprovdi sostenn analitiku speċjalizzat ħafna għal investigazzjonijiet individwali (ħiliet personali), kif ukoll għodod u tagħmir (hardware) analitiċi.
- (12) Fid-dawl ta' dak li ġie ddikjarat, jenħtieġ li l-EMSA torganizza taħriġ[...] dwar tekniki speċifiċi u dwar żviluppi u teknoloġiji ġodda li jistgħu jkunu rilevanti għall-investigazzjoni tal-aċċidenti fil-futur. Tali taħriġ jenħtieġ li jiffoka, fost affarijiet oħra, fuq fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li huma partikolarment rilevanti fid-dawl tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %", u fuq l-awtomatizzazzjoni, kif ukoll fuq ir-regoli tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR).
- (12a) L-indipendenza tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza marittima għandha tiġi żgurata fiċ-ċirkostanzi kollha u dawk kollha involuti f'dawn l-investigazzjonijiet, inkluż kumpaniji, istituzzjonijiet jew aġenziji pubbliċi jew privati, jenħtieġ li jkunu ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess.

- (14) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-lista ta' testi tal-OMI li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾.
- (14a) Sabiex l-Annessi jiġu adattati għall-evoluzzjoni tal-liġi marittima internazzjonali relatata mal-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu, u biex jiġu ffaċilitati l-ġbir, il-kondiviżjoni u r-rappurtar tal-għarfien, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikolu 14(4), u l-Artikolu 17(5) ta' din id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Qafas ta' Kooperazzjoni Permanenti stabbilit b'din id-Direttiva jkun involut f'dawn il-konsultazzjonijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (15) Fid-dawl taċ-ċiklu sħiħ ta' żjarat fl-Istati Membri mill-EMSA biex timmonitorja l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [*għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha, kif imsemmi fl-Artikolu 23*] u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiġbru l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-evalwazzjoni.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (16) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli dwar l-investigazzjoni ta' inċidenti fis-settur tat-trasport marittimu sabiex tittiejeb is-sikurezza marittima u jiġi protett l-ambjent tal-baħar, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti ta' din l-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.
- (17) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2009/18/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2009/18/KE

Id-Direttiva 2009/18/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-għan tal-investigazzjonijiet skont din id-Direttiva ma għandux ikun li tiġi ddeterminata r-responsabbiltà jew li jingħata t-tort, għalhekk l-ebda tort jew responsabbiltà ma għandhom jiġu dedotti mis-sejbiet ta' dawn l-investigazzjonijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"awtoritajiet tal-investigazzjoni") ma jitwaqqfux jew ma jkunux ristretti milli jirrappurtaw b'mod sħiħ il-kawżi ta' diżgrazzja jew ta' inċident tal-baħar."

(2) L-Artikolu 2(2) huwa emendat kif ġej:

(a) *(imħassar)*

(b) Il-punt (d) jitħassar

(3) l-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

- "1. "Kodiċi tal-OMI għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji" għandha tfisser il-Kodiċi tal-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati Internazzjonali għal Investigazzjoni tas-Sikurezza marbuta ma' Diżgrazzja tal-Baħar jew Inċident tal-Baħar fl-Anness għar-Riżoluzzjoni MSC.255(84) tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI, fil-verżjoni aġġornata tiegħu;
2. "Linji Gwida tal-OMI biex Jgħinu lill-Investigaturi Jimplimentaw il-Kodiċi għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji" għandha tfisser il-linji gwida adottati fl-Assemblea tal-OMI bir-Riżoluzzjoni A.1075(28) fl-4 ta' Diċembru 2013, fil-verżjoni aġġornata tagħhom;
3. It-termini li ġejjin għandhom jinftiehem f'konformità mad-definizzjonijiet li jinsabu fil-Kodiċi tal-OMI għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji:
 - (a) "diżgrazzja tal-baħar";
 - (b) "diżgrazzja tal-baħar serja ħafna";
 - (c) "inċident tal-baħar";
 - (d) "investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar";
 - (e) "Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar";
 - (f) "Stat li jmexxi l-investigazzjoni dwar is-sikurezza tal-baħar";
 - (g) "Stat b'interess sostanzjali";
 - (h) "korriment serju";

4. "Linji Gwida tal-OMI dwar it-Trattament Ġust tal-Baħħara fil-Każ ta' Aċċident Marittimu" għandha tfisser il-linji gwida fl-Anness għar-Riżoluzzjoni LEG.3(91) tal-Kumitat Legali tal-OMI tas-27 ta' April 2006 kif approvati mill-Korp ta' Tmexxija tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fil-296 sessjoni tiegħu ta' bejn it-12 u s-16 ta' Ġunju 2006;
5. It-termini "vapur ro-ro tal-passiġġieri" u "inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri" għandhom jinftehemu f'konformità mad-definizzjonijiet inklużi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2017/2110¹¹;
6. "Reġistratur tad-data dwar il-vjaġġ" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "VDR") u reġistratur tad-data dwar il-vjaġġ simplifikat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "S-VDR") għandhom jinftehemu f'konformità mad-definizzjoni li tinsab fir-Riżoluzzjoni MSC.333(90) u l-MS-C. 163(78) tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI fil-verżjonijiet aġġornati tagħhom, kif issupplimentati mill-istandards tal-prestazzjoni rilevanti tal-OMI skont id-data tal-installazzjoni abbord, mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni tal-Unjoni;
7. "rakkomandazzjoni dwar is-sikurezza" għandha tfisser kwalunkwe proposta magħmula, inkluża proposta għall-iskopijiet ta' reġistrazzjoni u kontroll:
 - (a) mill-awtorità tal-investigazzjoni tal-Istat li jwettaq, jew imexxi, l-investigazzjoni tas-sikurezza abbażi tal-informazzjoni meħuda minn dik l-investigazzjoni; jew, fejn ikun il-każ,
 - (b) mill-Kummissjoni abbażi ta' analiżi ta' data astratta u tar-riżultati tal-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà li jkunu saru.
8. "tul ta' bastiment tas-sajd" għandha tinftiehem f'konformità mad-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/1130¹²;

¹¹ Id-Direttiva (UE) 2017/2110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 61).

¹² Ir-Regolament (UE) 2017/1130 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 li jiddefinixxi l-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 1)

9. "korriment fatali" tfisser korriment li ggarab persuna f'aċċident u li twassal għall-mewt tagħha fi żmien 15-il jum minn meta jseħħ l-aċċident, jekk l-informazzjoni relatata tkun disponibbli."

(4) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) indipendentement minn investigazzjonijiet kriminali jew oħrajn paralleli sabiex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà jew biex jingħata t-tort u li l-awtoritajiet tal-investigazzjoni jkunu jistgħu jirrapportaw dwar ir-riżultati ta' investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar mingħajr direzzjoni jew interferenza minn kwalunkwe persuna, organizzazzjoni jew parti li tista' tiġi affettwata mill-eżitu tagħha."

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni rispettivi tagħhom sal-punt meħtieġ biex jintlaħaq l-oġettiv ta' din id-Direttiva."

(5) l-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5

Obbligu ta' investigazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li titwettaq investigazzjoni tas-sikurezza mill-awtorità tal-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 8 wara diżgrazzja tal-baħar serja ħafna:

(a) li tinvolvi vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu, irrispettivament mill-post tad-diżgrazzja;

(b) li sseħħ fil-baħar territorjali u l-ilmijiet interni tiegħu kif definiti f'UNCLOS, irrispettivament mill-bandiera tal-vapur jew vapuri involuti fid-diżgrazzja; jew

(c) li tinvolvi interess sostanzjali tal-Istat Membru, irrISPettivament mill-post tad-diġrazzja u mill-bandiera tal-vapur jew vapuri involuti.

2. F'każ ta' bastiment tas-sajd b'tul ta' anqas minn 15-il metru, l-awtorità tal-investigazzjoni għandha twettaq valutazzjoni preliminari tad-diġrazzja tal-baħar serja ħafna biex tiddetermina jekk għandhiex titwettaq investigazzjoni tas-sikurezza jew le.

F'każijiet fejn l-awtorità tal-investigazzjoni tiddeċiedi li ma twettaqx investigazzjoni tas-sikurezza ta' diġrazzja tal-baħar serja ħafna li tinvolvi bastiment tas-sajd ta' inqas minn 15-il metru, ir-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni għandhom jiġu rreġistrati u nnotifikati f'konformità mal-Artikolu 17(3).

3. Fid-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-awtorità tal-investigazzjoni għandha tqis l-evidenza disponibbli kif ukoll il-potenzjal għas-sejbiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza li jwasslu għall-prevenzjoni ta' diġrazzji u inċidenti futuri. Fil-każ ta' kwalunkwe diġrazzja jew inċident tal-baħar oħrajn, l-awtorità tal-investigazzjoni għandha tiddeċiedi jekk għandhiex twettaq investigazzjoni tas-sikurezza.

4. L-ambitu u l-arranġamenti prattiċi għat-twettiq tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza għandhom jiġu ddeterminati mill-awtorità tal-investigazzjoni tal-Istat Membru li jkun qed imexxi l-investigazzjoni b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ekwivalenti tal-Istati l-oħrajn b'interess sostanzjali, bil-mod li bih jidhrilha li l-aktar iwassal għall-ilħuq tal-oġġettiv ta' din id-Direttiva, u bil-ħsieb li jipprevjenu diġrazzji u inċidenti futuri.

5. Meta twettaq investigazzjonijiet tas-sikurezza, l-awtorità tal-investigazzjoni għandha ssegwi l-Linji Gwida tal-OMI biex Jgħinu lill-Investigaturi Jimplimentaw il-Kodiċi tal-OMI għall-Investigazzjoni tad-Diġrazzji. L-investigaturi jistgħu ma jseguwux dawn il-linji gwida meta dan ikun jista' jiġi ġġustifikat kif meħtieġ, fil-fehma professjonali tagħhom, biex jinkisbu l-għanijiet tal-investigazzjoni. Il-Kummissjoni tista' tadotta rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida, filwaqt li tqis kwalunkwe tagħlim rilevanti meħud mill-investigazzjonijiet tas-sikurezza, u wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet investigattivi b'rabta mal-qafas ta' kooperazzjoni permanenti definit fl-Artikolu 10.

6. Meta jkunu qed jiddeċiedu jekk diżgrazzja jew inċident tal-baħar li seħħ maġenb baċir, fl-irmiġġ jew fil-baċir, li jinvolvi ħaddiema tax-xatt jew tal-port, seħħx "direttament b'rabta mal-operazzjonijiet ta' bastiment" u għalhekk huwa soġġett għal investigazzjoni tas-sikurezza, l-Istati Membri għandhom, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, jagħtu konsiderazzjoni partikolari lill-involviment u r-rilevanza tal-istruttura, it-tagħmir, il-proċeduri, l-ekwipaġġ u l-maniġment tal-vapur fl-attività li tkun qed titwettaq u fir-rigward tagħha.

7. Għandha tinbeda investigazzjoni tas-sikurezza mingħajr dewmien wara li jseħħu d-diżgrazzja tal-baħar jew l-inċident tal-baħar u f'kull każ, mhux aktar tard minn xahrejn wara li jseħħu.

8. Jekk matul investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar isir magħruf li twettaq reat skont l-Artikoli 3, 3a, 3b jew 3c tal-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Atti Illegali kontra s-Sikurezza tan-Navigazzjoni Marittima tal-1988, fil-verżjoni aġġornata tagħha, l-awtorità tal-investigazzjoni, b'kont meħud tal-liġi nazzjonali, għandha tinforma minnufih lill-awtoritajiet tas-sigurtà marittima tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri u ta' kwalunkwe pajjiż terz ikkonċernat."

(6) l-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

Obbligu ta' notifika

Stat Membru għandu jeħtieġ, fil-qafas tas-sistema legali tiegħu, li l-awtorità tal-investigazzjoni tiegħu tiġi nnotifikata mingħajr dewmien, mill-awtoritajiet responsabbli u/jew mill-partijiet involuti jew mit-tnejn, bl-okkorrenza tad-diżgrazzji u l-inċidenti kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva."

(7) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-twettiq ta' investigazzjonijiet paralleli dwar is-sigurtà dwar l-istess diżgrazzja jew inċident marittimi għandhom ikunu limitati għal każijiet eċċezzjonali. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għat twettiq ta' dawn l-investigazzjonijiet paralleli. L-Istati Membri li jwettqu investigazzjonijiet paralleli dwar is-sigurtà għandhom jikkooperaw ma xulxin. B'mod partikolari, l-awtoritajiet tal-investigazzjoni involuti għandhom jiskambjaw kwalunkwe tagħrif rilevanti miġbur waqt l-investigazzjonijiet rispettivi tagħhom, b'mod partikolari sabiex jaslu, sa fejn ikun possibbli, għal konklużjonijiet konġunti."

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Matul it-twettiq tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar, l-Istati Membri b'interess sostanzjali għandhom jgħinu, sa fejn ikun prattiku, lill-Istat(i) Membru/i li jmexxu l-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar b'aċċess għall-informazzjoni rilevanti għall-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar. L-investigatur jew l-investigaturi li jwettqu investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar jistgħu jingħataw ukoll aċċess għall-informazzjoni miżmuma mis-surveyors tal-Gvern, l-uffiċjali tal-gwardja tal-kosta, l-operaturi tas-servizzi tat-traffiku tal-vapuri, il-bdoti u persunal tal-baħar ieħor tal-Istat b'interess sostanzjali, skont il-liġi nazzjonali tiegħu."

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Meta vapur ro-ro tal-passiġġieri jew inġenju tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri ikunu involuti f'diżgrazzja jew inċident marittimu, il-proċedura ta' investigazzjoni dwar is-sigurtà għandha tiġi mnedija mill-Istat Membru li fil-baħar territorjali jew fl-ilmijiet interni tiegħu, kif definiti f'UNCLOS, iseħħ l-aċċident jew l-inċident jew, jekk ikun seħħ f'ibħra oħrajn, mill-aħħar Stat Membru li jkun żar dak il-vapur ro-ro tal-passiġġieri. Dak l-Istat għandu jibqa' responsabbli għall-investigazzjoni dwar is-sigurtà u l-koordinazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn li jkollhom interess sostanzjali sakemm jiġi miftiehem reċiprokament min minnhom għandu jkun l-Istat investigattiv ewlieni."

(8) l-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

Awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-investigazzjonijiet tas-sikurezza tal-baħar jitwettqu taħt ir-responsabbiltà ta' Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar imparzjali, indipendenti u permanenti, mogħtija s-setgħat meħtieġa u b'mezzi suffiċjenti u riżorsi finanzjarji u investigaturi kkwalifikati kif xieraq, kompetenti fi kwistjonijiet relatati ma' diżgrazzji u inċidenti tal-baħar biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva.

La l-ħatra xierqa ta' investigaturi bil-ħiliet speċjalizzati meħtieġa biex jiffurmaw parti minn investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar fuq bażi temporanja, u lanqas l-użu ta' konsulenti biex jipprovdu pariri esperti dwar kwalunkwe aspekt ta' investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar ma huma preklużi.

Sabiex investigazzjoni tas-sikurezza titwettag b'mod imparzjali, l-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar għandha tkun indipendenti fl-organizzazzjoni, fl-istruttura legali u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha minn kwalunkwe parti li l-interess tagħha jista' jkun f'kunflitt mal-kompitu fdat lilha.

Stati Membri li ma jmissux ma' baħar li la għandhom vapuri u lanqas bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jidentifikaw punt fokali indipendenti biex jikkooperaw fl-investigazzjoni tas-sikurezza skont l-Artikolu 5(1)(c).

2. L-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar għandha tiżgura li l-investigaturi individwali jkollhom għarfien Prattiku u esperjenza Prattika f'dawk l-oqsma li jkollhom x'jaqsmu mad-dmirijiet investigattivi normali tagħhom. Barra minn hekk, l-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar għandha tiżgura li jkun hemm aċċess faċli għall-għarfien espert xieraq, kif ikun meħtieġ.

3. L-attivitajiet fdati lill-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar jistgħu jiġu estiżi għall-ġbir u għall-analiżi ta' data relatata mas-sikurezza tal-baħar, b'mod partikolari għal skopijiet ta' prevenzjoni, sa fejn dawn l-attivitajiet ma jaffettwawx l-indipendenza tagħha u ma jinkludux responsabbiltà f'affarijiet regolatorji, amministrattivi jew ta' standardizzazzjoni.

4. L-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu fil-qafas tas-sistemi legali rispettivi tagħhom, għandhom jiżguraw li l-investigaturi tal-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar tagħhom, jew ta' kwalunkwe Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar oħra li lilha ddelegaw il-kompitu tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar, fejn xieraq f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet responsabbli mill-inkjesta ġudizzjarja, ikunu ġew mogħtija kull informazzjoni pertinenti sabiex iwettqu l-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar u għaldaqstant ikunu awtorizzati li:

- (a) ikollhom aċċess liberu għal kwalunkwe żona jew sit ta' diżgrazzja rilevanti kif ukoll għal kwalunkwe vapur, relitt, jew struttura inkluż merkanzija, tagħmir jew bçeġjeċ li jirriżultaw mid-diżgrazzja;
- (b) jiżguraw li minnufih isir l-eleku tal-evidenza u t-tiftix ikkontrollat għar-relitt, bçeġjeċ li jirriżultaw mid-diżgrazzja jew komponenti jew sustanzi oħra u t-tneħħija tagħhom ħalli dawn jiġu eżaminati jew analizzati;
- (c) jeżiġu l-eżami jew l-analiżi tal-oġġetti msemmija fil-punt (b), u jkollhom aċċess liberu għar-riżultati ta' tali eżamijiet jew analiżi;
- (d) ikollhom aċċess liberu għal kwalunkwe informazzjoni rilevanti u data rreġistrata, inkluż d-data ta' VDR jew S-VDR, konnessa ma' vapur, reġistrazzjoni ta' servizz tat-traffiku tal-bastimenti, vjaġġ, merkanzija, ekwipaġġ jew kwalunkwe persuna, oġġett, kundizzjoni jew ċirkustanza oħra, u jkunu jistgħu jikkupjawha u jużawha;
- (e) ikollhom aċċess liberu għar-riżultati tal-eżamijiet tal-iġsma tal-vittmi jew ta' testijiet fuq kampjuni li jkunu ttieħdu mill-iġsma tal-vittmi;
- (f) jeħtieġu u jkollhom aċċess liberu għar-riżultati tal-eżamijiet ta' persuni involuti fl-operat tal-vapur jew kwalunkwe persuna rilevanti oħra, jew ta' testijiet fuq kampjuni meħuda minnhom;

- (g) jintervistaw xhieda fl-assenza ta' kwalunkwe persuna li l-interessi tagħha jistgħu jitqiesu bħala ta' detriment għall-investigazzjoni tas-sikurezza;
 - (h) jakkwistaw reġistri ta' sħarriġ u informazzjoni rilevanti miżmuma mill-Istat tal-bandiera, is-sidien, is-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni jew kwalunkwe parti rilevanti oħra, kull meta daww il-partijiet jew ir-rappreżentanti tagħhom ikunu stabbiliti fl-Istat Membru;
 - (i) jitolbu l-assistenza tal-awtoritajiet rilevanti fl-Istati rispettivi, inkluż is-surveyors tal-Istat tal-port u tal-Istat tal-bandiera, l-uffiċjali tal-gwardja tal-kosta, l-operaturi tas-servizz tat-traffiku tal-bastimenti, l-iskwadri tat-tiftix u s-salvataġġ, il-bdoti jew persunal tal-port jew marittimu ieħor;
5. L-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar għandha tingħata l-jedd li taġixxi minnufih kull meta tiġi mgħarrfa b'xi diżgrazzja, u li tikseb riżorsi suffiċjenti sabiex twettaq ħidmietha b'mod indipendenti. L-investigaturi tas-sikurezza tal-baħar tagħha għandhom ikunu mogħtija l-istatus li jagħtihom il-garanziji neċessarji tal-indipendenza.
6. L-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar tista' tgħaqqad il-kompiti skont din id-Direttiva mal-ħidma ta' investigazzjonijiet ta' okkorrenzi għajr diżgrazzji tal-baħar bil-kundizzjoni li tali investigazzjonijiet ma jipperikolawx l-indipendenza tagħha.
7. Kull Stat Membru jista' jiżviluppa, jimplimenta u jkollu sistema ta' ġestjoni tal-kwalità għall-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar tiegħu.

(9) l-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"Artikolu 9

Kunfidenzjalità

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu fil-qafas tas-sistemi legali tagħhom, għandhom jiżguraw li r-rekords li ġejjin ma għandhomx ikunu disponibbli għal finijiet oħra għajr l-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar, sakemm l-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru ma tiddeterminax li hemm interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar tagħhom, inkluż il-każijiet fejn jiġi konkluż li l-benefiċċji tal-iżvelar huma akbar mill-impatt negattiv domestiku u internazzjonali li azzjoni bħal din jista' jkollha fuq dik jew kwalunkwe investigazzjoni tas-sikurezza futura."
- a) id-dikjarazzjonijiet kollha meħudin minn persuni mill-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar matul l-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar;
- b) rekords li juru l-identità tal-persuni li jkunu taw xhieda fil-kuntest tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar;
- c) informazzjoni miġbura mill-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar, li hija ta' natura partikolarment sensittiva u personali, inkluż l-informazzjoni rigward is-saħħa tal-individwi;
- d) materjal sussegwentement prodott matul l-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar bħan-noti, abbozzi, opinjonijiet miktubin mill-investigaturi tas-sikurezza tal-baħar, opinjonijiet espressi fl-analiżi tal-informazzjoni;
- e) informazzjoni u evidenza pprovduti minn investigaturi tas-sikurezza tal-baħar minn Stati Membri oħrajn jew minn pajjiżi terzi skont id-dispożizzjonijiet tal-istandards internazzjonali u l-prattika rakkomandata, fejn ikunu mitluba mill-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar tagħhom;
- f) abbozz ta' rapporti interim, konċiżi jew finali;

g) il-komunikazzjonijiet kollha bejn persuni li kienu involuti fl-operat tal-inġenju tal-vapur;

h) ir-reġistrazzjonijiet bil-miktub jew elettroniċi u t-traskrizzjonijiet tar-reġistrazzjonijiet mis-servizz tat-traffiku tal-bastimenti, inkluż ir-rapporti u r-risultati tagħhom magħmulin għall-finijiet interni

2. Ir-reġistratur tad-data dwar il-vjaġġ u r-reġistrazzjonijiet simplifikati tar-reġistraturi tad-data dwar il-vjaġġ minn investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar ma għandhomx isir disponibbli jew jintużaw għal skopijiet oħra għajr dawk tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar jew tas-sikurezza tal-vapuri, ħlief meta tali rekords jiġu anonimizzati jew żvelati skont proċeduri sikuri.

3. Għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1, tista' tiġi żvelata biss id-data li hija strettament meħtieġa.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jillimitaw il-każijiet fejn tista' tittieħed tali deċiżjoni ta' żvelar, filwaqt li jirrispettaw il-liġi tal-Unjoni."

(10) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, għandhom jistabbilixxu qafas ta' kooperazzjoni permanenti li jippermetti lill-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar rispettivi tagħhom jikkooperaw ma' xulxin sa fejn ikun meħtieġ biex jinkiseb l-oġġettiv ta' din id-Direttiva."

(b) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-parti introduttorja u l-punt (a) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Fi ħdan il-qafas ta' kooperazzjoni permanenti, l-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar fl-Istati Membri għandhom jaqblu, b'mod partikolari, fuq l-aqwa modalitajiet ta' kooperazzjoni sabiex:

(a) Jippermettu lill-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar jikkondividu l-installazzjonijiet, il-faċilitajiet u t-tagħmir għall-investigazzjoni teknika tar-relitt u t-tagħmir tal-vapur u oġġetti oħrajn rilevanti għall-investigazzjonijiet dwar is-sikurezza, inkluż l-estrazzjoni u l-evalwazzjoni tal-informazzjoni mill-VDRs jew l-S-VDRs u tagħmir elettroniku ieħor."

(b) il-punti (h) u (i) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"(h) jippromwovu l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar ta' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għall-investigazzjoni tal-aċċidenti marittimi fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva;

(i) jipprovdu lill-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar li jkunu qed iwettqu investigazzjonijiet tas-sikurezza tal-baħar bi kwalunkwe informazzjoni pertinenti."

(10a) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-kooperazzjoni ta' Stat Membru f'investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar immexxija minn pajjiż terz li jkollu interess sostanzjali għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet ta' twettiq u ta' rappurtar tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza tal-baħar skont din id-Direttiva. Meta pajjiż terz li jkollu interess sostanzjali ikun qed imexxi investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar li tinvolvi Stat Membru wieħed jew aktar, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jwettqux investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar b'mod parallel, kemm-il darba l-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar mmexxija minn pajjiż terz titwettaq konformement mal-Kodiċi tal-OMI għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji u l-Inċidenti tal-Baħar. F'każijiet bħal dawn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 ma għandhomx ikunu applikabbli għall-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar tal-Istati Membri."

(10b) fl-Artikolu 13, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jirreġistraw l-informazzjoni kollha minn tabelli, ġurnal ta' abbord, cassettes tal-vidjo u reġistrazzjonijiet elettroniċi u manjetiċi, inkluż l-informazzjoni mill-VDRs jew S-VDRs u apparat elettroniku ieħor konness mal-perjodu ta' qabel, waqt u wara xi aċċident;"

(11) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 14

Rapporti ta' aċċidenti

1. L-investigazzjonijiet tas-sikurezza mwettqa skont din id-Direttiva għandhom jirriżultaw f'rapport ta' aċċident ippubblikat ippreżentat f'format definit mill-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar kompetenti u f'konformità mat-taqsimiet rilevanti tal-Anness I.

L-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar jistgħu jiddeċiedu li investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar għandha tirriżulta f'rapport konċiż li għandu jiġi ppubblikat fil-każ li:

- a) l-investigazzjoni tas-sikurezza ma tikkonċernax diżgrazzja tal-baħar serja ħafna; jew
- b) id-diżgrazzja tal-baħar u s-sejbiet tagħha ma għandhomx il-potenzjal li jwasslu għall-prevenzjoni ta' diżgrazzji u inċidenti futuri.

2. L-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar għandhom jagħmlu kull sforz biex jagħmlu r-rapport ta' aċċident imsemmi fil-paragrafu 1, inkluż il-konklużjonijiet tiegħu u kull rakkomandazzjoni possibbli, disponibbli lill-pubbliku, u speċjalment lis-settur marittimu, fi żmien 12-il xahar mid-data tad-diżgrazzja. Jekk, fil-każ ta' diżgrazzja serja ħafna, ma jkunx possibbli li r-rapport ta' aċċident finali joħroġ f'dak iż-żmien, għandu jiġi ppubblikat rapport ta' aċċident interim fi żmien 12-il xahar mid-data tad-diżgrazzja.

3. L-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar tal-Istat Membru li jmessi l-investigazzjoni għandha tibgħat kopja tar-rapport finali jew interim lill-Kummissjoni. L-awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar għandha tiegħu kont tal-osservazzjonijiet tekniċi possibbli tal-Kummissjoni dwar rapporti ta' aċċident finali li ma jaffettwawx is-sustanza tas-sejbiet għat-titjib tal-kwalità tar-rapport ta' aċċident bil-mod li l-aktar iwassal għall-ilħuq tal-oġettiv ta' din id-Direttiva.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 20, sabiex temenda jew tissupplimenta l-partijiet relatati mal-informazzjoni fattwali, in-narrattiva u l-analiżi tal-Anness I."

(12) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħed kont debitu tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza tal-baħar magħmula mill-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar minn dawk indirizzati u, fejn ikun il-każ, tittieħed azzjoni ta' segwitu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u internazzjonali."

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn ikun il-każ, jew Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar jew il-Kummissjoni għandhom jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza abbażi ta' analiżi ta' data astratta u tar-riżultati ġenerali tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza tal-baħar li jkunu saru."

(13) fl-Artikolu 16, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha li tagħti allert bikri, l-Awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar ta' Stat Membru għandha, fi kwalunkwe stadju ta' investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar, jekk tkun tal-fehma li hija meħtieġa azzjoni urġenti fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi prevenut ir-riskju ta' diżgrazzji ġodda, tinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bil-ħtieġa li jingħata allert bikri."

(14) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw fl-EMCIP id-diżgrazzji u l-inċidenti tal-baħar kollha skont il-format fl-Anness II u, meta titwettaq investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar, jipprovdu d-data li tirriżulta mill-investigazzjonijiet tas-sikurezza tal-baħar skont l-iskema tal-bażi tad-data tal-EMCIP. Fil-każ ta' bastimenti tas-sajd b'tul ta' inqas minn 15-il metru, huwa meħtieġ biss ir-rappurtar ta' diżgrazzji tal-baħar serji ħafna. Meta ma jiġux investigati diżgrazzji tal-baħar serji ħafna li jinvolvu bastimenti tas-sajd ta' inqas minn 15-il metru, għandhom jiġu rrappurtati r-raġunijiet għaliex dan ma jsirx."

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar tal-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-diżgrazzji tal-baħar serji ħafna kollha lill-EMCIP. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu u jinnominaw l-awtorità jew l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jirrapportaw dwar id-diżgrazzji u l-inċidenti tal-baħar l-oħrajn kollha. Meta l-Kummissjoni tkun konxja minn xi diżgrazzja jew inċident tal-baħar, għandha tinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti."

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda jew tissupplimenta l-Anness II, dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fih sabiex jittieħed kont tal-modifiki mill-IMO għall-Kodiċi tal-OMI għall-Investigazzjoni tad-Diżgrazzji jew għal-Linji Gwida relatati tal-IMO."

(15) jiddaħħal l-Artikolu l-ġdid li ġej:

"Artikolu 17a

Taħriġ u sostenn operazzjonali

1. Fuq talba speċifika tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iżvilupp tal-kapaċitajiet kif ukoll il-kondiviżjoni tal-għarfien fi ħdan u bejn l-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar permezz tal-ġhoti ta' taħriġ dwar żviluppi legali u teknoloġiċi ġodda, tekniki u għodod speċifiċi u teknoloġiji relatati mal-bastimenti, it-tagħmir u l-operazzjonijiet tagħhom.

2. Fuq talba tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar tal-Istati Membri, u jekk wieħed jassumi li ma jinħoloq l-ebda kunflitt ta' interess, il-Kummissjoni għandha ttipprovdi sostenn operazzjonali lil dawn l-Istati Membri fit-twettiq tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza tal-baħar tagħhom. It-tali sostenn jista' jinkludi l-forniment ta' għodod jew tagħmir analitiku speċjalizzat, kif ukoll għarfien espert speċifiku mhux normalment meħtieġ mill-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza tal-baħar, dment li tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom."

(16) l-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 19

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011."

(17) l-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 20

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 14(4) u fl-Artikolu 17(5) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-*[data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv ta' bażi]*.
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 14(4) u fl-Artikolu (17)5 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 14(4) u l-Artikolu 17(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(18) l-Artikolu 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 23

Rieżami tal-implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha sa *[OP: Jekk jogħġbok daħħal data: għaxar snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]* tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-konformità magħha."

(19) fl-Artikolu 24, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1286/2011 jitħassar b'effett mill-iskadenza tal-perjodu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva ... *[daħħal ir-referenza għad-Direttiva ta' modifika]*."

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
